MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Numru 1009/2014

**SPETTUR JOHANN J. FENECH**

**VS**

**KHADEM M'BAY**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Khadem M'Bay ta' 29 sena, bin Dau M'Bay u Omie Buk, mwieled Mali fl- 1 ta' Jannar 1985, residenti gewwa Centru Miftuh tal- Marsa u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 9000457A;

Talli fid- 19 ta' Ottubru 2014 gewwa Marsaxlokk;

1) Iffalsifika jew biddel, minmghajr il- kunsens tas-sid, l-ismijiet , il-marki jew is-injali sitintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l- ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew mbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;
2) Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas- sid, id- disinji jew mudelli ta' manifattura, jew xjentement, ghamel uzu ta' dawn id-disinji jew mudelli iffalsifikati jew mbiddla, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il- kunsens tas-sid;
3) Xjentement ghamel uzu ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li kien fihom indikazzjoni li setghet tqarraq lix- xerrej dwar ix- xorta tal-merkanzija, jew bieghu merkanzija b' din il-marka sinjal jew emblema;
4) Xjentement qieghed fic- cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall- hsieb ta' kummerc, merkanzija b' marka, sinjal jew emblema imxebbhin b' qerq;
5) Bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal- propjetarju, biegh jew kera' offra jew espona ghall- bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l- ippakkettjar taghhom

kellu fuqu sinjal identiku ghal jew li x' aktarx jithawwad ma' trademark registrata, kif ukoll;

6) Iggestixxa xi attivita kummercjali minn suq fil- berah minghajr permess sabiex jaghmilha ta' bejjiegha bil-posta u minghajr ma giet allokata lilu posta fissa mill- awtoritajiet kompetenti;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 298(1)(a), 298 (1)(b), 298 (1)(c) u 298 (1)(f) tal- Kap 9 u Artikoli 72(1)(a) u 72 (1) (b) tal- Kap 416 u Regolamenti 26 u 27 tal- LS 441.07;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal- oggetti ezebiti.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------